

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 200/2012

tas-26 ta' Ottubru 2012

li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar Ekotikketta tal-UE ⁽¹⁾, kif ikkoreġut bil-ĠU L 108, 29.4.2010, p. 355, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, li hu inkorporat fil-Ftehim ŻEE, u li għalhekk għandu jitħassar mill-Ftehim ŻEE.
- (3) L-Anness XX għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 2a (ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX għall-Ftehim ŻEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"32010 R 0066: Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar Ekotikketta tal-UE (ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1), kif ikkoreġut bil-ĠU L 108, 29.4.2010, p. 355."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 66/2010, kif ikkoreġut bil-ĠU L 108, 29.4.2010, p. 355, bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, dment li n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE għal, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

⁽¹⁾ ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.